

Brussell, 1 ta' April 2022  
(OR. fr)

7798/22

ESPACE 38  
TRANS 205  
EU-GNSS 16  
MAR 82  
AVIATION 61

**NOTA PUNT "A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: 7503/22	
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-estensjoni tal-Ftehim dwar il-promozzjoni, il-provvista u l-użu ta' sistemi ta' navigazzjoni bis-satellita ta' Galileo u tal-GPS u applikazzjonijiet relatati bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati Uniti tal-Amerka, min-naħa l-oħra <i>- Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew</i>

---

1. Fl-14 ta' Jannar 2022, il-Kummissjoni ppreżentat Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-estensjoni tal-Ftehim dwar il-promozzjoni, il-provvista u l-użu ta' sistemi ta' navigazzjoni bis-satellita ta' Galileo u tal-GPS u applikazzjonijiet relatati bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati Uniti tal-Amerka, min-naħa l-oħra, għal perijodu ta' ħames snin.
2. Fil-laqgħa tagħha tal-1 ta' Frar 2022, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta għall-estensjoni tal-Ftehim u l-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ispazju eżamina l-proposta. Huwa qabel dwar it-test u dwar it-talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew wara konsultazzjoni bil-miktub konklużiva fil-11 ta' Frar 2022.

3. Il-Kunsill huwa mistieden biex, fil-punti “A” fuq l-aġenda ta’ laqgħa li jmiss, jiddeċiedi li jitlob l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-abbozz ta’ Deċiżjoni dwar l-estensjoni tal-Ftehim, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti u kif jinsab fid-dokument 6531/22.
-